*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,349, 22 ta' Novembru, 2024*
*Taqsima C*

# Nru 119

22. 11. 2024

## MALTA

### KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Jonathan Attard, M.P., Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, f'isem il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-7 ta' Ottubru 2024.

**ATT sabiex jemenda l-Att dwar is-Saħħa, Kap. 528.**

ELEANOR SCERRI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

### HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Jonathan Attard, M.P., Minister for Justice and Reform of the Construction Sector, on behalf of the Minister for Health and Active Ageing, and read the First time at the Sitting of the 7th October 2024.

**AN ACT to amend the Health Act, Cap. 528.**

ELEANOR SCERRI
*Clerk of the House of Representatives*

**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT sabiex jemenda l-Att dwar is-Saħħa, Kap. 528.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament preżenti, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.
Kap. 528.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar is-Saħħa u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar is-Saħħa, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-"Att prinċipali".

Emenda tat-Taqsim tal-Att.

**2.** Fit-Taqsim tal-Att, minnufih wara l-kliem "Taqsima V" għandhom jiġu miżjuda l-kliem:

| | | |
|---|---|---|
| "Taqsima V A | Dipartiment li jopera ċ-Ċentru tad-Demm, Tessuti u Ċelloli. | 15A - 15B". |

Żieda ta' Taqsima ġdida fl-Att prinċipali.

**3.** Minnufih wara l-artikolu 15 tal-Att prinċipali għandha tiġi miżjuda t-Taqsima ġdida li ġejja:

"TAQSIMA V A

Dipartiment li jopera ċ-Ċentru tad-Demm, Tessuti u Ċelloli

Dipartiment li jopera ċ-Ċentru tad-Demm, Tessuti u Ċelloli.

10A. (1) Għandu jitwaqqaf Dipartiment li jopera ċ-Ċentru tad-Demm, Tessuti u Ċelloli, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ id-Dipartiment, li l-objettiv tiegħu għandu jkun sabiex jipprovdi provvista tad-demm sikura u sostenibbli u servizz għat-tessuti u ċ-ċelloli f'konformità mal-istandards rilevanti kollha, filwaqt li jirrispetta r-rigal volontarju tad-donatur għall-benefiċċju ta' pazjenti eliġibbli.

(2) Il-Kap tad-Dipartiment għandu jkun Direttur Ġenerali.

10B. Id-Dipartiment għandu b'mod ġenerali jeżerċita tali funzjonijiet u jwettaq id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha provduti mil-liġi, u b'mod partikolari, jwettaq tali funzjonijiet u dmirijiet li l-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jippreskrivi permezz ta' regolamenti.".

Emenda tal-Iskeda A li tinsab mal-Att prinċipali.

**4.** Fil-paragrafu (ċ) tal-Iskeda A li tinsab mal-Att prinċipali l-kelma "it-tliet" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "l-erba' (4)".

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għanijiet u r-raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex jiġi emendat l-Att dwar is-Saħħa (Kap. 528) sabiex jitwaqqaf id-Dipartiment li jopera ċ-Ċentru tad-Demm, Tessuti u Ċelloli u sabiex il-Ministru responsabbli għas-Saħħa jingħata s-setgħa li jafda lill-imsemmi Dipartiment b'funzjonijiet speċifiċi permezz ta' regolamenti.

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Health Act, Cap. 528.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Health (Amendment) Act, 2024 and this Act shall be read and construed as one with the Health Act, hereinafter referred to as the "principal Act". Short title. Cap. 528.

**2.** In the Arrangement of Act, immediately after the words "Part V" there shall be added the words: Amendment of Arrangement of Act.

"Part V A    Department operating Blood, Tissue and Cells Centre    15A - 15B".

**3.** Immediately after article 15 of the principal Act there shall be added the following new Part: Addition of new Part to the principal Act.

"PART V A

Department operating Blood, Tissue and Cells Centre

Department operating Blood, Tissue and Cells Centre.

10A. (1) There shall be established a Department operating Blood, Tissue and Cells Centre, hereinafter referred to as the Department, whose objective shall be to provide a safe and sustainable blood supply and a service for tissue and cells in compliance with all relevant standards, whilst respecting the donor's voluntary gift for the benefit of eligible patients.

(2) The Head of the Department shall be a Director General.

10B. The Department shall in general exercise such functions and fulfil all the duties and responsibilities provided for in the law, and in particular, perform such functions and duties which the Minister may, from time to time, prescribe by means of regulations.".

Amendment of Schedule A to the principal Act.

**4.** In paragraph (c) of Schedule A to the principal Act the word "three" shall be substituted by the words "four (4)".

---

**Objects and Reasons**

The objects and reasons of this Bill are to amend the Health Act (Cap. 528) to establish the Department operating Blood, Tissue and Cells Centre and to grant the Minister responsible for Health the power to entrust the said Department with specific functions by means of regulations.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper*

**Prezz/*Price***
**€0.36**